– “Pactum Riservati Dominii” (Hire-Purchase agreement) –
– Preskrizzjoni skond l-Art. 2148(f) Kodici Civili –
– Inapplikabilità ta’ l-Art. 2148 ghall-Hire Purchase Agreements –
– Preskrizzjoni: interpretazzjoni restrittiva –
– Preskrizzjoni: “Inceptio Prescriptio” & “Actio Nata” –
– Konvenut irid jipprova minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni minnu eccepita –
– “Ius Superveniens” –
– Konvenut li ma jressaqx linji difensjonali/eccezzjonijiet fil-mertu –
– Vinkolu Kuntrattwali: “Pacta Sunt Servanda” –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

Gudikatur
**Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis, 4 ta’ Ottubru, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **142 / 2016**

**J. Zammit Limited**
[C-37945]

***versus***

**Josephine Borg**
[K.I. nru. 517991M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-22 ta’ April, 2016 fejn l-attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ erbat elef, disa’ mija u erbgha ewro u tlieta u tletin ewro centezmi (€4,904.33c) rapprezentanti hlas ghall-akkwist ta’ vettura ta’ l-ghamla ‘Ford Focus’ bin-numru ta’ registrazzjoni GBB-165 mill-konvenuta minghand l-attrici fuq bazi ta’ *hire-purchase*, kif ahjar deskritt fl-istess imsemmi Avviz tat-Talba (ara *a tergo* ta’ *fol*. 1). Talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji ta’ dawn il-proceduri u ta’ ohrajn accessorji ghalihom u l-interessi legali mid-data tal-morozità fil-hlas da parti tal-konvenuta sad-data tal-pagament effettiv u finali.

Il-konvenuta, b'Risposta datata l-14 ta' Dicembru, 2016, qanqlet solament il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici skond is-sub-inciz (f) ta' l-Art. 2148 tal-Kodici Civili (ara *a tergo* ta' *fol*. 23). Fil-mertu l-istess konvenuta ma eccepiet l-ebda linja difensjonali (hekk kif ukoll senjalat fil-verbal ta' l-udjenza ta' l-14 ta' Dicembru, 2016 *a fol*. 21).

Ikkunsidra l-provi mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Il-procediment thalla ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum hekk kif jghid il-verbal ta' l-udjenza ta' l-20 ta' Gunju, 2018 (*a fol*. 86).

Jikkunsidra;

Il-fatti li jsawru l-prezenti kaz jistghu jigu brevement deskritti hekk: is-socjetà bieghet vettura tat-tip 'Ford Focus' ta' lewn ahmar, targata GBB-165, lill-konvenuta. Dan sehh permezz ta' ftehim 'pactum riservati dominii' (ossia, *hire purchase agreement*) datat 28 ta' Gunju, 2013 (*a fol*. 2 *et seqq*.) fejn il-prezz pattwit tal-vettura kien ta' €5,500.00c. Ma' tali ammont kien hemm €657.50 bhala spejjez amministrattivi. Dan ifisser li l-ammont komplessiv originarjament mifthiem kien ta' €5,657.50c. Dakinhar tal-ftehim il-konvenuta hallset €500.00c bhala depozitu akkont tal-prezz [skond klawsola 2.1(b) tal-ftehim] u l-bilanc tal-prezz kellu jithallas mill-konvenuta lill-attrici fuq medda ta' diversi rati mensili. Minn dakinhar il-konvenuta kienet lahqet hallset, oltre l-imsemmi depozitu, l-ammont ta' €1,545.00c tramite ghaxar (10) pagamenti kif indikat fuq id-dokument *a fol*. 46 ta' l-atti, bl-ahhar pagament isehh minnha fl-4 ta' Ottubru, 2015. Skond l-istess dokument, kien hemm xi interessi li bdew jiddekorru fuq l-ammonti bilancjali rimanenti. It-talba attrici ahharija f'dawn il-proceduri hija fl-ammont ta' €4,904.33c.

L-attrici fethet din il-kawza sabiex tithallas tali ammont bilancjali, filwaqt li l-konvenuta rrezistiet ghall-istanza attrici bl-unika eccezzjoni taghha tkun dik tal-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar skond l-Art. 2148(f) tal-Kodici Civili.

Salv ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel, ghalkemm il-konvenuta inghatat l-opportunità tressaq il-provi taghha dwar l-eccepita preskrizzjoni u anke dwar il-mertu tal-vertenza, hi ghazlet li tibqa' kompletament ineriti u passiva (*vide* verbali ta' l-udjenzi tat-22 ta' Settembru, 2017 *a fol*. 36, tat-2 ta' Novemru, 2017 *a fol*. 37 u ta' l-1 ta' Dicembru, 2017 *a fol*. 39).

Cionostanti il-passività murija mill-konvenuta, xorta wahda jaqa' bi dmir fuq dan it-Tribunal li jinvesti fl-eccezzjoni sollevata anke jekk hemm karenza ta' provi dwarha. Fi kliem iehor, l-ommissjoni tal-parti li tressaq provi jew sottomissjonijiet in sostenn ta' xi eccezzjoni taghha ma jehlisx awtomatikament lit-Tribunal mid-dmir u mir-responsabbilità tieghu li jivvaluta, jiddelibera u jiddeciedi kif imiss linja difensjonali formalment imqanqla fil-proceduri, aktar u aktar meta si tratta ta' materja ta' preskrizzjoni li hi ntiza biex tarresta l-mixja ta' l-azzjoni attrici u d-dritt vantat mill-avversarju attur.[1] Dan hu hekk ukoll fid-dawl tal-proviso ta' l-Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid illi dan it-Tribunal ghandu jaqta' "*kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ... skont il-liġi.*"[2]

Is-sub-inciz (f) ta' l-Art. 2148 tal-Kodici Civili jghid illi, "*l-azzjonijiet ta' kull persuna, għall-kera ta' ħwejjeġ mobbli*" jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax (18)-il xahar. Fil-fehma tat-Tribunal tali disposizzjoni ma tapplikax ghall-kazijiet ta' kuntratti ta' 'hire-purchase' (jew inkella kif imsejjah f'termini legali 'pactum cum riservata dominii'). Dan ghall-motivi li gejjin.

Jibda' biex jigi registrat in linea ta' principju generali illi, skond gurisprudenza pacifika, "*fil-vendita bil-patt tar-rizerva tad-dominju, l-istess patt jattribwixxi lill-venditur il-fakoltà li jirritarda t-trasmissjoni tal-proprjetà tal-haga mibjugha sal-mument meta javvera ruhu fatt, jew jghaddi certu zmien; u malli dak il-fatt jew zmien jivverifika ruhu, ma jkunx hemm bzonn ta' manifestazzjoni ohra gdida ta' volontà, jew xi attività ohra mill-parti tal-kontraenti jew xi hadd iehor, sabiex tavvera ruhha t-trasmissjoni tal-proprjetà. Minn dan jitnissel illi sakemm ma javverax ruhu l-fatt kontemplat, jew jghaddi z-zmien stabbilit, il-venditur jibqa' proprjetarju tal-haga li tkun iffurmat oggett tal-kontrattazzjoni tal-bejgh bil-patt fuq imsemmi*" (**Anthony Abela noe v. Maria Attard et**, Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Frar, 1957). F'dan is-sens ukoll d-decizjoni *in re* **Canadian Enterprises Limited v. Emanuel Zammit** (Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2010). B'zieda ma' dan, ghandu jinghad illi l-effett ta' l-istess ftehim gie sew deskritt fis-sentenza *in re* **V. Bonnett v. G, Azzopardi** (Appel Kummercjali, 28 ta' Gunju, 1922) fejn intqal hekk: "*In natura intrinsika ta' dan il-kuntratt hija li fih zewg stadji ben distinti. Is-sid ta' l-oggett jittrasferixxi lill-kerrej l-uzu*

---

[1] Skond l-Art. 2107(2) tal-Kodici Civili, apparti li tista' tkun akkwizittiva, il-preskrizzjoni hi wkoll estintiva, ossia "*hija wkoll mezz sabiex wieħed jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmienli tgħid il-liġi.*"

[2] Apparti hekk, il-preskrizzjoni estintiva hi ghodda u mekkanizmu primarjament procedurali tant illi f'certi decizjonijiet tal-qrati taghna hemm referenza ghal tali istitut bhala li ghandu "*funzjoni importantissima processwali*" (**Ester Degeatano et v. Joseph Rosso**, Appell Civili, 26 ta' Frar, 1965; mhux pubblikata) u "*l-preskrizzjoni hi konsiderata bhala strument procedurali ta' helsien mill-azzjoni*" (**Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana**, Appell Inferjuri, 10 ta' Jannar, 2007). Ghaldaqstant, bhala tali, u meta formalment sollevata mill-parti (*ex* Art. 2111 Kod. Civ.), il-gudikant ma jistax jissorvolaha leggerment jew *ab initio* jabdika mid-dmir li jinvestiga l-istess a bazi ta' l-iskappatoja ta' nuqqas ta' provi.

*u l-pussess ta' l-oggett ghall-kirja specifika, b'dan li l-proprjetà ta' l-oggett ma tghaddix ghand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imhallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid ta' l-oggett u l-proprjetà tieghu ma tghaddix lill-venditur sakemm il-prezz tieghu ma jkunx gie saldat*." Ara wkoll *in re* **G. Degiorgio v. E. Micallef** (Appell Civili, 16 ta' Dicembru, 1936 riportata f'*Kollez*. Vol. XXIX-I-1438); **Negozjant Alfredo Muscat v. G. Bonnici et** (Appell Civili, 8 ta' Frar, 1935 riportata f'*Kollez*. Vol. XXIX-I-89); u **Lieutenant Colonel Robert Strickland v. David Shepherd** (Appell Civili, 21 ta' Jannar, 1951 riportata f'*Kollez*. Vol. XXXV-III-530).

In-natura ta' kuntratt bhal dan hija illi l-obbligazzjonijiet reciproci taz-zewg partijiet jibqghu sospizi fiz-zmien u l-bejgh reali jigi fis-sehh u jigi kompjut, meta tavvera ruhha l-kundizzjoni sospensiva futura kontemplata fih, ossia bil-pagament shih tal-prezz pattwit ghall-oggett. F'kuntrattazzjoni bhal din il-prezz ta' l-oggett jigi mhallas frazzjonalment, bi skadenzi perjodici (normalment ikunu rati mensili) fejn il-kumpratur jakkwista l-haga solament mal-hlas ta' l-ahhar skadenza perjodika. F'dak il-mument il-partijiet, minn bejjiegh u xerrej prospettivi jinbidlu f'bejjiegh u f'xerrej effettivi. Qabel tali mument specifiku, l-bejjiegh prospettiv jibqa' sid l-oggett filwaqt li x-xerrej prospettiv jibqa' s-semplici pussessur u/jew detentur ta' l-istess oggett.[3] Ghalhekk, tali kontrattazzjoni m'ghandhiex effetti reali immedjati izda effetti prolongati u progettati fil-gejjieni. **GIORGIO BIANCHI** ("Il Contratto Di Vendita", UTET Giuridica, 2009; p.340) jikteb illi dan hu kuntratt "*sospensivamente condizionato, la cui funzione è quella di consentire un immediato godimento del bene, pur non essendo effettuato un pagamento totale del valore del bene*."

Il-funzjoni ekonomika ta' l-imsemmi ftehim[4] hija biex taghti garanzija b'sahhitha u idoneja ghall-kreditu tal-venditur ghall-prezz tal-haga: jekk il-kumpratur ihallas, m'hemmx problemi, izda jekk dan ma jhallasx, il-venditur jikkonserva xorta wahda l-proprjetà tal-haga. Il-haga tigi mal-ewwel kunsinnata lill-kumpratur, li jkun jista' jaghmel uzu minnha anke jekk m'huwiex il-proprjetarju taghha. U wkoll mal-kunsinna tal-haga, jghaddu fuq il-kumpratur ir-riskji fuqha: jekk il-haga tigi distrutta, dik il-perdità hi a karigu ta' l-istess kumpratur, li jibqa' obbligat li jhallas il-prezz pattwit; jekk l-haga tikkaguna hsarat, jirrispondi ghalihom l-istess kumpratur, cionostanti li m'huwiex il-proprjetarju taghha. Ghalkemm il-kumpratur jista' jutilizza l-haga b'manjiera libera, hu ma jistax jittrasferiha lil terzi u dan proprju ghax l-oggett ma jkunx rijentranti fil-patrimonju tieghu bhala sid u, ghalhekk, tapplika dik in-norma

[3] "*A differenza che nel contratto di locazione o di commodato, nel caso di vendita con riserva della proprietà, il compratore al momento della consegna non acquista solo la detenzione del bene comprato ma anche il possesso dello stesso*" (*cfr*. **GIORGIO BIANCHI**, *op. cit*., 2009; p.340).
[4] "*La rateizzazione del pagamento del prezzo ha incentivato la vendita di beni di consumo, considerati utili o addirittura indispensabili, contribuendo a soddisfare nuovi bisogni ed esigenze del soggetti meno abbienti*" (*cfr*. **GIORGIO BIANCHI**, *ibid*.).

statwita fl-Art. 1372 tal-Kodici Civili li tipprojbixxi bejgh ta' oggetti ta' haddiehor u anke l'ghaliex "nemo dat quod non habet".[5]

Ferma tali introduzzjoni, dwar l-inapplikabilità ta' l-Art. 2148(f) tal-Kodici Civili ghal kuntratti ta' 'hire-purchase' it-Tribunal jaghmel riferiment ghas-sentenza *in re* **Carmelo Cremona noe v. Salvatore Farrugia** (Prim'Awla, 24 ta' Ottubru, 1964) fejn il-Qorti elokwentement asseriet hekk: "*Li in relazzjoni għall-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut għandu mill-ewwel jiġi rilevat li l-bejgħ in kwistjoni sar bil-"hire purchase system", u għalhekk huwa subordinat għall-kondizzjoni tal-ħlas totali tal-prezz, u sakemm jitħallsu r-rati kollha tal-prezz miftiehem, il-proprjetà tal-oġġett hekk mibjugħa tibqa' għand il-venditur ... Li, irriżulta mill-provi li l-konvenut għadu ma ħallasx ir-rati kollha u għalhekk, billi l-proprjetà tal-washing machine għada riservata favur l-attur, il-konvenut ma jistax jippreskrivi favur tiegħu nnifsu, għaliex mhux qiegħed iżomm il-ħaġa bħala tiegħu ... liema oġġett isir tal-konvenut malli tivverifika ruħha l-kondizzjoni tal-pagament tal-prezz kollu kif ġie stipulate ... Dan għaliex f'venditi bħal dawna, mhux legalment konċepibbli jsir propjetarju assolut tal-oġġett minnu mixtri, meta l-konsegwiment tal-proprjetà jiddependi mill-adempjiment tal-kondizzjoni tal-pagament totali tal-prezz, meta ċioé, il-klawsola kontrattwali tar-riservo domino fil-venditur tirrisolvi ruħha favur il-kompratur bħala effett tal-avveniment tal-kondizzjoni tal-ħlas totali tal-prezz miftiehem. Il-Qorti tasal għalhekk għall-konklużjoni, li f'din ix-xorta ta' bejgħ ma jistax jivverifika ruħu każ ta' preskrizzjoni, għaliex il-kompratur jew għadu ma jkunx ħallas u allura ma jistax jeċċepiha għar-raġunijiet fuq esposti, jew ikun ħallas l-intier, u allura mhux il-każ li tiġi eċċepita għaliex ma jkunx hemm dejn*." Fl-istess decizjoni issokta jinghad ukoll illi, "*Anke jekk per ipotesi, il-konvenut huwa ammess jagħti eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, dik eċċepita minnu in bażi għall-Art. 2253* [illum Art. 2148] *tal-Kodiċi Ċivili ma treġix, għaliex, trattandosi ta' kreditu naxxenti minn skrittura, il-preskrizzjoni hija ta' ħames snin (Art. 2261(f)* [illum 2156(f)] *tal-Kodiċi Ċiv.). Anké f'din l-ipotesi, il-preskrizzjoni mhiex sostenibbli, billi jirriżulta li l-konvenut ħallas l-aħħar akkont fis-17 ta' Frar 1961, u l-ittra uffiċjali u ċ-ċitazzjoni saru fit-termini utili mill-aħħar att ta' rikonjizzjoni tad-debitu magħmul mill-konvenut bl-imsemmi pagament akkont*."

Dwar l-inapplikabilità, b'mod generali, ta' l-Art. 2148 tal-Kodici Civili ghal kazijiet ta' kuntrattazzjonijiet ta' din ix-xorta (i.e., ta' 'hire purchase agreements'), issir riferenza ghad-decizjoni *in re* **Aronne sive Ronnie Barbara v. Andrew Schembri** (Prim'Awla, 5 ta' Ottubru, 2010) fejn gie osservat illi, "*jidher car li l-karozza li l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanc ta' prezzha nxtrat bin-nifs, tant li sar qbil li l-imħarrek kellu jħallas il-prezz f'rati kull xahar. Mhux hekk biss, iżda kif wieħed jistenna*

---

[5] Tradott: "*nessuno può dare ciò che non ha*" (*cfr*. **UMBERTO ALBANESE**, "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine", Hoepli 1993; p.243).

*f'għamla ta' xiri bħal dan, l-attur espressament irriżerva li jieħu lura l-karozza jekk kemm-il darba l-imħarrek jonqos milli jħallas regolarment ir-rati miftehma. Xiri ta' ħaga bin-nifs u li tiddependi mit-trasferiment tal-proprjetà biss meta jitħallas il-prezz miftiehem ma jgħoddx għaliha ż-żmien preskrittiv imsemmi fl-eccezzjoni taħt eżami, u dan aktar u aktar meta fl-okkażjoni tal-imsemmi negozju tkun saret kitba biex tixhed il-ftehim. L-eżistenza ta' dik il-kitba tnissel, jekk xejn, żmien preskrittiv ieħor minn dak li jgħodd għalih l-artikolu li fuqu l-imħarrek isejjes din l-eccezzjoni*." Wiehed hu mistieden jara wkoll id-decizjoni pjuttost recenti *in re* **Montebello Enterprises Limited v. Paolo Soldi et** (Appell Inferjuri, 18 ta' April, 2017) fejn gew trattati l-istess punti appena espressi f'dan il-paragarfu u f'dak precedenti.

Tali senjalazzjonijiet jibbastaw biex jaghtu twegiba fin-negattiv ghall-preskrizzjoni eccepita mill-konvenuta, li jwasslu ghac-cahda ta' l-istess.

Maghhom jizdied jinghad ukoll illi, *ex gratia argomenti*, l-Art. 2148(f) tal-Kodici Civili kien effettivament applikabbli, mill-provi ma jirrizultax minn meta l-konvenuta kienet qed tippretendi li t-tmintax-il xahar kellhom jibdew jiddekorru. Dwar tali aspett jigu registrati s-segwenti punti *obiter*:

**(i)** hu principju rikonoxxut illi l-istitut tal-preskrizzjoni ghandu jircievi interpretazzjoni restrittiva. Dan ifisser illi anke ghal dak li jirrigwarda l-applikabilità tal-preskrizzjoni din ghandha tkun wahda restrittiva. F'dan is-sens issir riferenza, fost diversi ohra, ghas-sentenzi *in re* **Prof. Anthony J. Mamo ne v. Nutar Emmanuele Agius** (Appell Civili, 25 ta' Novembru, 1957); **Noel Ellul et noe v. Francis Vella noe** (Appell Superjuri, 8 ta' Mejju, 2001); **Ronald Naudi noe v. Unispeed Shipping & Forwarding Limited** (Prim'Awla, 26 ta' Gunju, 2003); u **Perit Guido Vella v. Oliver Grech** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Supejuri, 15 ta' April, 2008);

**(ii)** huwa wkoll principju kristallizzat mill-qrati taghna illi l-preskrizzjonijiet il-qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-Art. 2143 Kod. Civ., u ghalhekk tali preskrizzjonijiet qosra ghandhom ukoll jinghataw interpretazzjoni restrittiva. Dan hu rifless f'bosta gudikati, fosthom *in re* **Ralph Naudi et v. Maltacom p.l.c.** (Prim'Awla, 9 ta' Novembru, 2001); **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd v. Dismar Co. Ltd** (Prim'Awla, 12 ta' Ottubru, 2004); u **Lawrence Hili v. Alfred Cassar White et** (Prim'Awla, 22 ta' Ottubru, 2007; konfermata fl-appell fit-8 ta' Jannar, 2010). Anke d-duttrina prevalenti tghallem l-istess hekk kif wiehed jaqra fit-tghalim tal-gurista **Baudry-Lacantinerie** fit-trattat intitolat "Teorico Pratico di Diritto Civile" (Vol. XXVIII), «Della Prescrizione» (para. §712 p.552);

**(iii)** in tema ta' preskrizzjoni, jinsab rikonoxxut illi min jinvokaha ghandu jaghti l-prova tad-data preciza tad-dekorriment taghha ('inceptio prescriptio'). Fin-nuqqas ta' tali prova, min hu kjamat jiddeciedi ma jistax jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni stante li ma jkunx gie determinat l-inizju tad-dekorriment tal-perjodu preskrittiv. Issa, peress li "*f'materja limitattiva tal-azzjoni, bhal ma hija l-preskrizzjoni, mhix ammissibbli l-interpretazzjoni estensiva, u l-preskrizzjoni hija istitut ta' interpretazzjoni strettissima"* (**Prof. Anthony J. Mamo ne v. Nutar Emmanuele Agius**, gja' citata *supra*) wiehed irid izomm quddiem ghajnejh illi min jecepixxi l-preskrizzjoni *"kellu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu u cioe' li kien bhala fatt iddekora t-terminu statutorju preskrittiv. Dana mid-data minn meta l-attur seta' jipproponi l-azzjoni. Altrimenti kien japplika l-principju 'contra non valentem agere non currit prescriptio"* (**Guido J. Vella v. Dr. Emanuel Cefai**, Appell Inferjuri, 5 ta' Ottubru, 2001). Addizzjonalment, f'dan l-ahhar kaz citat, inghad inoltre li kien "*jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekorri skond il-ligi t-terminu preskrittiv u jekk kienx effettivament hekk iddekorra minn dak il-mument sal-mument meta tkun giet intavolata l-azzjoni*.";

**(iv)** b'zieda ma' dak maghdud fil-punt *supra*, issir referenza ghall-Art. 2137 Kod. Civ. li jghid: "*Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*." Dan hu rifless tan-norma ta' "actio nata" li appropozitu, fid-duttrina akkreditata, intqal hekk dwarha: "*E' questo il concetto che si riassume nella formula tradizionale* – actio nata – *interpretata dalla comune dottrina nel senso che la prescrizione cominci in quel momento stesso, in cui nasce l'azione intesa a tutelare il diritto*" (*cfr*. **Giuseppe Pugliese**, "Trattato della Prescrizione Estintiva", §21).[6] Ta' l-istess fehma huwa l-**Baudry Lacantinerie** ("Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile", Vol.XXVIII, §364], meta josserva li "*Quanto alla prescrizione estintiva il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere.*" Mix-xena domestika hemm is-sentenza, fost bosta ohrajn, riportata f'*Kollez*. **Vol. XXXVII-II-622** fejn inghad li, "*Jehtieg jigi ezaminat meta jista' jsir dan l-ezercizzju (ta' l-azzjoni). Dan iz-zmien skond id-dottrina hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali*." Hawnhekk qed nitkellmu dwar il-*punctum temporis* minn fejn ghandhom jibdew jigu kkalkolati t-tmintax-il xahar applikabbli, skond il-konvenuta, ghall-

[6] Dan l-awtur hu citat ripetutament u *in extensio* fid-decizjoni, gja' *supra* msemmija, *in re* **Ester Degeatano et v. Joseph Rosso**.

azzjoni attrici. F'aktar dettall, il-qrati taghna jghidu li, "*L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilitá taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent*" (*cfr*. **Victor Portelli v. Mark Psaila**, Prim'Awla, 29 ta' Mejju, 2003; ara wkoll **Stencil Pave (Malta) Limited v. Kunsill Lokali Naxxar**, Prim'Awla, 30 ta' Ottubru, 2003). Inghad ukoll li, "*l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f'sens inekwivoku, tal-volontá tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali* " (*cfr*. **Luciano Martinelli noe v. Saviour Pisani**, Appell Inferjuri, 22 ta' Gunju, 2005).

Hi l-ferma opinjoni ta' dan it-Tribunal minn dak fuq ragonat illi l-preskrizzjoni eccepita fil-kumpless tan-negozju u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ma kinitx dik idonea la ghall-bazi ta' l-azzjoni u lanqas ghall-fatti emergenti mill-atti processwali. Kif drabi ohra gie ravvizat fis-sentenzi tal-qrati taghna, "*invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati mil-ligi, l-Qorti ma tistghax jekk dik invokata tirrizulta nsostenibbli, tfittex biex tara jekk hiex applikabbli xi preskrizzjoni partikolari ohra li ma gietx invokata*" (ara decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol. XLII-III-1152** u *in re* **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma v. Oil and Construction International Limited**, Appell Inferjuri, 28 ta' April, 2004).

B'dan kollu elenkat u fid-dawl ta' l-istess, mill-provi jirrizulta ghat-Tribunal illi l-attrici setghet tghaddi biex tezercita l-azzjoni taghha kontra l-konvenuta u titlob l-ammont bilancjali kollu dovut meta kienu jiskadu r-rati mensili li kellha twettaq il-konvenuta.[7] L-ahhar rata mensili dovuta mill-konvenuta kellha ssehh fit-28 ta' April, 2017 (ara *a fol*. 58), ossia madwar sena wara l-intavolar ta' l-istanza odjerna. Ghalkemm huwa minnu li l-attrici, allura, fil-bidu ta' dawn il-proceduri kienet qed titlob il-hlas intier ta' l-ammont bilancjali meta fil-verità kellha teskludi minnu dawk ir-rati mensili li kienu ghadhom ma immaturawx sa meta attivat ruhha b'dawn il-proceduri gudizzjarji,

[7] Dwar dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal sitwzzjoni simili fil-kaz gja' *supra* citat *in re* **Canadian Enterprises Limited v. Emanuel Zammit** fejn gie asserit illi, "*jinsab akkolt illi fil-kaz ta' kreditu d-determinazzjoni tad-'dies a quo' tibda mill-mument li jinsorgi d-dritt fil-kreditur. Fil-kaz in ezami il-kreditu kien soggett ghat-terminu taz-zmien, ossija meta jkunu sodisfatti l-hlasijiet tas-36 rata mensili. Gara li s-socjetà appellanti introduciet azzjoni fl-1997 ghal bilanc tal-prezz u sa hawn allura t-terminu preskrittiv ta' l-azzjoni ma kienx ghadu estint*."

b'applikazzjoni tal-principji ta' 'ius superveniens' dan il-fatt gie, matul l-kors tal-prezenti proceduri, kolmat u ssanat.[8] Illum-il gurnata, fid-data ta' l-emissjoni ta' din is-sentenza, jidher illi l-ammont kollu bilancjali domandat mill-kumpannija attrici baqa' dovut mill-konvenuta (u dan xehdu Joseph Micallef, rapprezentant ta' l-attrici).

Skartata l-unika eccezzjoni tal-konvenuta, it-Tribunal jghaddi ghall-mertu tal-kontiza.

Meta l-procediment kien inoltrat u l-atteggjament processwali tal-konvenuta kien wera li qed jiehu certu binarju, hekk kif appena deskritt *supra* – u wara li l-provi tal-konvenuta dwar l-unika eccezzjoni taghha gew dikjarati maghluqa (ara verbal *a fol*. 39), sussegwenti li tressqu l-provi attrici (ara verbal *a fol*. 39), wara li l-kontro-provi tal-konvenuta dwar il-mertu gew ukoll dikjarati maghluqa minhabba inattività (ara verbal *a fol*. 59), u wara li l-procediment kien thalla ghas-sentenza (ara verbal *a fol*. 59) – il-konvenuta iddecidiet tressaq talba *ad hoc* biex tigi permessa tikkontesta l-kawza (ara rikors taghha tas-27 ta' Frar, 2018 *a foll*. 61–62).

Tali episodju proceduràli gie definit tramite provvediment tal-21 ta' Marzu, 2018 (*a foll*. 73–82), li ghalih it-Tribunal jagmel piena riferenza, bla htiega li wiehed joqghod itenni dak kollu kontenut fih f'din id-decizjoni. Fi ftit kliem, f'tali provvediment dan it-Tribunal kien cahad it-talba kif proposta mill-konvenuta (li tressaq provi dwar l-eccepita preskrizzjoni u anke li tressaq kwalsiasi eccezzjoni fil-mertu) izda ppermettielha twettaq il-kontro-ezami ta' l-unika xhud prodott mill-attrici.[9]

---

[8] Fis-sentenza *in re* **John Giordimaina et v. Joseph Pace et** (Prim'Awla, 16 ta' Jannar, 2003) inghad illi, "*Ghalkemm kien hemm perjodu meta d-duttrina ta' ius superveniens kienet applikata restrettivament u kien jinghad li dak li hu null 'ab initio' ma setghax jigi sanat b'dak li sehh wara (ara, per ezempju, "Cassar vs Land Valuation Officer et" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 1984), dan l-ahhar din id-duttrina giet applikata f'sitwazzjonijiet aktar wiesgha u intqal fil-kawza "Laferla vs Falzon et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-07 ta' Ottubru, 1988, li d-duttrina ta' tus superveniens ghandha tigi applikata f'kull kaz li l-bazi tal-azzjoni tinwera ruha fil-mori tal-kawza, u mhux necessarjament meta t-talba tkun soggetta ghal xi kundizzjoni li tavvera ruhha fil-mori. Dan il-principju gie applikat ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Clarke et vs Griscti noe et" fis-sentenza taghha tat-22 ta' Marzu, 1990, avvolja il-ius superveniens kien jehtieg f'dak il-kaz l-intervent ta' parti fil-kawza, billi ssir l-applikazzjoni ghall-permess tal-Ministeru tal-Finanzi biex barrani jkun jista' jixtri proprieta' immobiljari hawn Malta. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bonanno vs Bonanno et", deciza fid-29 ta' Jannar, 1997, fejn gie osservat li l-eccezzjoni ta' nullità m'ghandiex tkun accettata meta hu possibli rimedju jew meta s-sitwazzjoni tista tigi rimedjata bid-duttrina ta' ius superveniens.*" Fid-decizjoni *in re* **George Zahra v. Carmelo Chircop** (Appell Civili, 8 ta' Frar, 1960) inghad hekk: "*Huwa vera li bħala norma d-dritt u l-interess ta' l-attur u l-kapacitá tiegħu li jagħmel il-kawża għandhom ikunu jeżistu filwaqt li huwa jistitwixxi l-procediment; imma l-Qrati tagħna bl-iskop li jevitaw molteplicitá ta' kawżi u spejjeż inutili rrikonoxxew u applikaw id-duttrina tal-jus superveniens quod firmat actionem vel exceptionem, anke meta xi drabi d-dritt jissopravjeni jew ostakolu procedurali jitneħħa, waqt li l-kawża tkun gia fil-grad ta' appell.*" Ara wkoll, **Carmelo *sive* Charles Farrugia v. Michael Camenzuli et** (Prim'Awla, 28 ta' Frar, 2011).

[9] Tali kontro-ezami twettaq fl-udjenza tal-25 ta'April, 2018 (ara *a foll*. 84–85).

Skond kif provdut fl-Art. 728(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 731, "*l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji*." Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 728 illi "*ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza*". L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fin-nota jew fir-risposta. L-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell *in re* **John Mary Vella et v. Winston Azzopardi noe** tas-6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota ta' l-eccezzjonijiet (f'dan il-kaz r-Risposta), oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 u dawk taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta (inkluza l-L.S. 380.01), kellha tassattivament issegwi r-regola normattiva kontenuta fl-imsemmi Artikolu 728(1). Li jfisser li min ikun imsejjah f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "kollha", sew dilatorji, sew dwar il-meritu. Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita tant li jinsab mghallem li l-ligijiet u n-normi ta' procedura "*si debbono osservara alla lettera e non per equipollens*" (*vide*, fost diversi, id-decizjoni riportata f'*Kollezz*. **Vol.XVIII–I–879**).

Fil-kaz prezenti l-unika eccezzjoni ntavolata mill-konvenuta kienet dik tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili. Ma ressqet ebda eccezzjoni ohra, lanqas wahda fil-meritu. Kienet dik biss (dwar il-preskrizzjoni) l-uniku mezz ta' difiza mressqa mill-konvenuta, u l-gudikatur sedenti gie msejjah biex jezamina u jivvaluta dik biss.[10] Minn tali atteggjament – kif ukoll, *inter alia*, minn dak verbalizzat fl-udjenza ta' l-14 ta' Dicembru, 2016 (*a fol*. 21) mid-difensur tal-konvenuta[11] – wiehed jiddezumi li l-istess konvenuta ma kinitx qed tikkontesta l-mertu tal-vertenza jew tikkwerela xi aspett minnu, sia procedurali u sia sostantiv. Li kieku dan kien hekk, l-istess konvenuta kienet tissenjalah fir-risposta taghha u certament ma tissottolinejahx tramite d-difensur taghha fil-verbal ta' l-udjenza appena msemmija. Meta dan ghamlitu, mbaghad kien tard wisq ghall-konvenuta, kif dettaljatament spjegat fil-provvediment tal-21 ta' Marzu, 2018 (*a fol*. 73 *et seqq*.).

---

[10] Sitwazzjoni simili sehhet fil-kaz *in re* **Pace Associates Limited v. Drawing Techniques Limited** (Appell Inferjuri, 7 ta' Dicembru, 2005).
[11] Ta' min jinnota li f'tali udjenza l-konvenuta kienet irregistrat dehra hekk kif jghid il-verbal relattiv.

Ghalhekk, michuda tali eccezzjoni ta' preskrizzjoni, u valutati l-provi mressqa, jidher li l-istanza attrici ghandha tigi akkolta. Dan ghaliex:

**(a)** is-socjetà attrici ressqet kopja tal-ftehim li kien jorbot lill-partijiet li fih hemm it-termini u kundizzjonijiet bejn il-kontendenti u li hu sottofirmat minn entrambi l-kontendenti.[12]

Kif mghallem minn **FRANÇOIS LAURENT** ("Principii di Diritto Civile", Leonardo Vallardi ed. 1885; Vol. XIX p.196), "*l'atto è uno scritto redatto per constatare un fatto giuridico; ora è la sottoscrizione che certifica ciò che le parti constatano …*". Kull faccata ta' tali ftehim giet iffirmata mill-konvenuta. Indubbjament, is-sottoskrizzjoni fuq dokument hi element essenzjali tieghu in kwantu tistabilixxi l-volontà tal-firmatarju li hu qed japprova l-kontenut ta' l-istess u jaghzel liberament li jintrabat skond it-terminu fih stipulati. Di fatti, din l-istess sottoskrizzjoni tassolvi funzjonijiet duplici. Il-wahda, indikattiva ghal fini li jkun individwat l-awtur tad-dokument u l-ohra, dikjarattiva, billi min iqieghed il-firma jassumi l-paternità tad-dikjarazzjonijiet kontenuti fl-istess dokument.[13] L-awturi **RODOLFO SACCO** u **GIORGIO DE NOVA** ("Il Contratto", UTET Giuridica, IV edizione, 2016; p.726) jiktbu illi, "*La sottoscrizione è indispensabile, anche se il documento è intieramente scritto di pugno della parte. Infatti, finché manca la sottoscrizione, manca la prova documentale che il documento contenga una volontà negoziale … La firma è efficace anche se apposta sul margine dei fogli*."

Il-ftehim iffirmat mill-konvenuta, datat 28 ta' Gunju, 2013, jivvinkolaha ghal dawk li huma termini u modalità ta' pagament u ghal dak li jikkoncerna obbligazzjonijiet u dmirijiet ohra kuntrattwali taghha dwar is-suggett u l-oggett tal-kontrattazzjoni. Dwar ir-rabta li titnissel minn tali ftehim it-Tribunal jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet *obiter*.

Minghajr mezzi termini, il-legislatur patriju fl-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 992 Kod. Civ. jiddetta li, "*Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom*" u jkompli jzid, fit-tieni sub-inciz, illi, "*Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi*." Tali disposizzjoni taghti setgha ta' vinkolu legali, guridikament rikonoxxut, lill-awtonomija privata tal-kontraenti,[14] ossia l-volontà taghhom li jaghzlu jintrabtu b'mod

---

[12] Ara *a foll.* 2–6 (ezebit flimkien ma' l-Avviz tat-Talba) u wkoll *a foll.* 41–45 (ri-ezebit waqt l-udjenza ta' l-1 ta' Dicembru, 2017).
[13] Ara s-sentenza *in re* **Maltacom plc v. Ibrahim Salifu** (Appell Inferjuri, 6 ta' Frar, 2008).
[14] "*L'autonomia privata è fondamentalmente potere di autodeterminazione del soggetto, cioè potere del soggetto di decidere della propria sfera giuridica. In generale, tuttavia, la determinazione della propria sfera*

reciproku f'legam kuntrattwali, basta li r-rabta hekk imnissla issehh skond l-ordinament guridiku u in konformità mieghu [hawnhekk wiehed jaghmel rikjam ghall-Art. 982(2)[15], l-Art. 985[16], l-Art. 990[17], l-Art. 1054[18] Kod. Civ. li jimponu limiti].

Tali awtonomija tista' facilment tinstilet minn dak li jippreskrivi l-Art. 960 Kod. Civ., illi jiddefinixxi l-kuntratt bhala "*konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni*." Meta l-istess awtonomija tal-partijiet kontraenti tigi abbinata ma' l-osservanza ta' dak li tinnecessita l-ligi bhala sustanza (bhal per ezempju, l-Art. 966 Kod. Civ.), u anke bhala forma u formalità (bhal per ezempju, l-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta), hemmhekk tinholoq l-obbligazzjoni kuntrattwali. Tali obbligazzjoni tohloq vinkolu li jorbot lill-kontraenti f'legam li ghandu jigi rispettat u onorat. In effetti, jinsab insenjat li, "*L'obbligazione è un vincolo; l'espressione latina è più energica «vinculuum»; è un legame (une chaîne); quegli che è legato (en-chaîne) non può sfuggire al potere di colui che lo tiene ne'legami. Ebbene, la persona obbligata è legata, come lo è una persona stretta da legami*" (*cfr*. **FRANÇOIS LAURENT**, *op. cit.*, Vol.XV, §424, p.367).

Meta l-partijiet ghall-kuntratt jifthiemu, *inter alia*, dwar l' "an" (l-oggett), dwar il-"quando" (il-meta) u dwar il-"quomodo" (il-metodu jew il-kif) ta' l-att li ghandu jigi kompjut, f'dak il-preciz mument tinholoq qaghda awtonoma mill-volontà rispettiva taghhom li torbothom u tirregolahom. Konkjuza l-kontrattazzjoni l-istess imbaghad tiehu hajja propria indipendenti, regolata bil-principju ben not ta' "pacta sunt servanda". B'hekk jinghalaq cirku immaginarju fejn il-partijiet ghall-kuntratt li taw bidu ghalih u holquh, darba mahluq u perfezzjonat in-negozju guridiku, l-istess kuntratt jakkwista fonti t'obbligazzjoni vinkolanti *a se stante* u dan propju ghax, salv kazijiet eccezzjonali [*vide* Art. 992(2) Kod. Civ.], "*ciascuno sa che il contratto, una volta perfetto, vive di vita propria, non potendo più essere modificato singolarmente dagli artefici*" (*cfr*. **MASSIMO FRANZONI**, "Degli Effetti Del Contratto", Giuffrè 2ª ed. 2013; Vol.I, p.5) u wkoll ghax "*è ben radicata l'idea che il contratto, una volta formatosi, cristallizza l'interesse delle parti, sicché queste sono tenute ad osservare la regola che ormai è sfuggita alla loro disponibilità*" (*ibid*. p.8).

---

*giuridica coinvolge anche la sfera giuridica di altri soggetti*" (*cfr*. **C. MASSIMO BIANCA**, "Diritto Civile: Il Contratto", Vol. III, Giuffrè 1999; §4, p.11).

[15] L-Art. 982(2) Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-ħwejjeġ biss li ma humiex extra commercium jistgħu jkunu oġġett ta' ftehim*."

[16] L-Art. 985 Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-ħwejjeġ impossibbli, jew ipprojbiti mil-liġi, jew kuntrarji għall-egħmil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt*."

[17] L-Art. 990 Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-egħmil xieraq jew għall-ordni pubbliku*."

[18] L-Art. 1054 Kod. Civ. jghid hekk: "*Kull kondizzjoni kuntrarja għall-egħmil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, jew ipprojbita mil-liġi, jew illi ġġiegħel l-esekuzzjoni ta' haġa impossibbli, ma tiswiex, u tagħmel ma jiswiex il-ftehim li jkun jiddependi minnha*."

In principju, l-ordinament Malti jiggarantixxi lill-privati dik il-libertà li jikkontrattaw dwar id-deziderji proprji b'dak il-mod u metodu l-aktar koerenti ma' l-interessi taghhom, bil-gosti taghhom u anke tenut kont tal-kapricci (leciti u ragjonevoli) taghhom. Dan hu anke dezunt meta l-Artt. 960 u 992(1) Kod. Civ., fuq citati, jinqraw flimkien skond in-norma li tghallem illi "ex antecedentibus et consequentibus fit optima interpretatio."[19] Dak l-impenn kontrattwali li jitnissel minn impenn liberament assunt u liberament determinat, imbaghad, jittraduci ruhu f'impenn vinkolanti ghall-istess partijiet, proprjament ghax "*i privati sono liberi di contrarre, ma se contraggono si vincolano: perché questo vincolo trova fondamento nella loro libertà. Il termine stesso di «autonomia», del resto, esprime sia l'idea della libertà, sia l'idea del vincolo*" (*cfr*. **Enzo Roppo**, "Il Contratto", 1989; parte IV, p.129). Tali rabta kontrattwali "*priva il debitore della sua libertà o la diminuisce; essendosi obbligato, egli non è più libero, egli ha abdicato la sua libertà, e può esser costretto dalla forza pubblica ad adempire ai suoi impegni*" (*cfr*. **François Laurent**, *op. cit.*, §424, p.367).

Ghaldaqstant, jista' jigi generalment konkluz illi l-kuntratt jiggenera bejn il-partijiet, awturi liberi tieghu, vinkolu guridiku u tali legam guridiku jipproduci effetti li jitraxxendu l-volontà tal-partijiet, liema effetti jridu jigu minnhom subiti u liema effetti, salv kazijiet eccezzjonali, ma jistghux jigu respinti. Dan ghax il-kuntratt jimplika akkordju, cioè l-volontà tal-partijiet li jaccettaw programm specifiku definit f'regolament kontrattwali minnhom imfassal u li ghalih jissottoskrivu.

Dan hu proprju dak li ghamlet il-konvenuta Borg f'dan il-kaz. Is-sottoskrizzjoni taghha ghall-ftehim m'ghandhiex tfisser biss li hi merament kienet qed tirrikonoxxi l-paternità taghha vis-à-vis il-ftehim formalment redatt, izda wkoll li l-firma taghha tissimbolizza, u intrinsikament tfisser, ir-rabta taghha *versu* l-obbligazzjoni jew l-obbligazzjonijiet li ghaliha assoggettat il-kondotta taghha minn dak il-mument lil hinn.

---

[19] Kwalsiasi interpretazzjoni ta' disposizzjoni tal-ligi hija l-ahjar miksuba (*optima interpretatio*) meta mehuda u kkunsidrata fl-isfond tal-ligi shiha u tad-disposizzjonijiet li jippreceduha (*antecedentibus*) u dawk li jigu warajha (*consequentibus*). Kif rakkjuz fil-gurisprudenza nostrali, "*per interpretare la legge in una maniera giusta è necessario conferire insieme tutti gli articoli e non decidere dietro uno dei suoi precetti*" (**Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe v. Negte. Giuseppe Calcedonio Borg noe et**, Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1871). Ghalhekk, il-kliem m'ghandux jittiehed singolarment u/jew *in vacuo*. Id-disposizzjoni m'ghandiex tinqara u tigi nterpretata *in lontananza* mill-kuntest shih tal-legislazzjoni li tabbraccjaha stante li, "*Naturalment wiehed ma jistghax iwarrab minn quddiem ghajnejh il-kontest kollu tal-ligi in kwistjoni u ligijiet ohra li jistghu jkunu rilevanti: «tota lege perspecta»* " (**Grazio Pace v. Vivian De Gray noe**, Appell Superjuri, 25 ta' April, 1969; mhux pubblikata). Dan ir-ragunament irribadietu s-sentenza fl-ismijiet **L. & A. Camilleri Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001; mhux pubblikata) fejn intqal illi, "*fil-waqt illi l-kelma tal-ligi kien jehtieg li tigi rispettata fl-applikazzjoni taghha, dan ma jfissirx illi s-sinnifikat letterali tal-kelma wahdu kien dak li kellu jwassal ghal interpretazzjoni gusta taghha. Anke l-kelma tal-ligi kellha tigi interpretata fl-isfond tas-sens kollu tad-disposizzjoni taht ezami u kif din tinkwadra fl-ispirtu tal-legislazzjoni shiha. Principji dawn li japplikaw fl-interpretazzjoni ta' kull disposizzjoni ta' dritt ...*". Ara wkoll **Mary Anne Borg et v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2010).

**(b)** Joseph Micallef, *legal and compliance officer* mas-soċjetà attrici xehed fl-udjenza ta' l-1 ta' Diċembru, 2017 fejn ta spjegazzjoni tal-fatti li jsawru l-kontiża u offra spjegazzjoni ta' l-ammont domandat f'dawn il-proċeduri.[20] Il-kontro-eżami relattiv, maghmul fl-udjenza tal-25 ta' April, 2018 (*a foll*. 84–85), ma biddel xejn min-narrazzjoni tal-grajja jew mis-sustanza tal-fatti. Ghalkemm it-Tribunal intebah bil-linja ta' domandi li kienu qed isiru mid-difensur tal-konvenuta u l-ghan ahhari taghhom, wiehed ma jridx jinsa li l-proċedimenti quddiem dan it-Tribunal huma primarjament imsejsa fuq pedamenti alkwantu diversi minn proċedimenti ohra quddiem il-Qrati taghna, fejn hemm mistennija ċerta solennità proċedurali u ċertu grad ta' prova. Il-"*hearsay evidence*" mhux *a priori* eskluża fil-liġi taghna. Art. 599 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jghid li l-Qorti tista', f'ċerti każijiet, u skond iċ-ċirkustanzi, tippermetti xhieda fuq kliem haddiehor meta dan l-istess kliem ikollu importanza sostanzjali. Prova bhal din, naturalment, trid tittiehed flimkien ma` provi ohra ghas-sostenn ta' assunt ta' naha jew ta' ohra. Ara a propositu **Rita Schembri v. Avv. Albert V. Grech nomine** (Prim'Awla, 16 ta' April, 1953) u **Avv. Dr. Giovanni Bonello v. Alfred Mifsud** (Appell Inferjuri, 14 ta' Jannar 1986); u **Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et** (Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008)**.** Apparti hekk, isir rikjam ghal dak dettat fl-Art. 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta (dik il-leġislazzjoni li tnissel il-poteri ta' l-odjern Tribunal u *ad hoc* tirregolahom), ossia li ġudikatur, "*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt lix-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta*."

**(c)** l-istess Joseph Micallef, waqt l-istess deposizzjoni, eżebixxa, *inter alia*, kopja tal-kambjali mahruġa dwar il-kontrattazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri[21] flimkien ma rendikont spjegattiv ta' dak imhallas u ta' dak li ghadu dovut lill-kumpannija attrici.[22]

Ghalkemm l-imsemmija kambjali kienu jaghtu dritt awtonomu (indipendentement mid-dritt vantat mill-attrici f'dawn il-proċeduri) lill-attrici li teżiġi l-pagament taghhom mal-maturazzjoni individwali tal-kambjala relattiva u/jew ta' numru kollettiv taghhom,[23] l-istess iservu bhala prova dokumentarja biex jikkoroboraw u jsahhu l-

---

[20] Ara *a fol*. 40.
[21] Ara *a foll*. 47–58.
[22] Ara *a fol*. 46.
[23] Ara, fost diversi, s-sentenza *in re* **Adrian Busietta noe v. Marco Attard** (Appell Superjuri, 9 ta' Frar, 2001) fejn inghad, *inter alia*, li kambjala tohloq obbligazzjoni ta' natura partikulari ghaliex hija wahda indipendenti mill-'causa obbligiationis'. Ara wkoll, fl-istess sens, id-deċizjoni *in re* **Dr. Henry sive Eric Mamo noe v. Joseph Muscat et** (Appell Superjuri, 25 ta' Mejju, 2001). Fid-deċizjoni *in re* **Charles Bonnici et v. Anna Farrugia** (Prim'Awla, 2 ta' Ottubru, 2001) inghad illi appena kambjala tiġi emessa, tiġi krejata obligazzjoni *ad hoc*, ghal kollox awtonoma, indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li setghet ippreċedietha jew li kienet konkomitanti maghha.

ftehim raggjunt bejn il-partijiet fis-sena 2013 fuq appena diskuss. Tali kambjali jkomplu jixhdu dwar il-legam tal-partijiet u tal-vinkolu li ghalih dahlet, volontarjament u liberament, il-konvenuta li assoggettat ruhha li tircievi oggett bil-kontro-prestazzjoni li thallas ratejalment ghaliha.

Inoltre, haga li m'ghaddietx inosservata mit-Tribunal hija li l-firma fuq l-imsemmija kambjali u dik fuq il-ftehim bejn il-partijiet. Ghalkemm it-Tribunal jammetti li m'huwiex espert kalligrafiku, *de visu* u *ictu oculi* l-firem kollha jidhru emessi mill-istess id, ossia mill-konvenuta. Din l-osservazzjoni qed issehh fid-dawl ta' certa linja ta' domandi maghmula in kontro-ezami lix-xhud Micallef. Wara kollox, u kif kien ikun mistenni, li kieku kien hemm xi falsità f'tali aspett tal-kwistjoni, certament dan kien jattira l-attenzjoni tal-konvenuta mill-ewwel u tiskatta fiha l-appozita linja difensjonali *ad initio*.

Tali provi huma, fil-fehma kunsiderata tat-Tribunal, tajbin u sufficjenti biex – anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u wkoll b'applikazzjoni ta' l-Art. 9(2)(b) ta' l-istess Kapitolu – jgiegħluh jinklina lejn l-akkoljiment tat-talba attrici kif promossa.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex thallasha s-somma ta' erbat elef, disa' mija u erbgha ewro u tlieta u tletin ewro centezmi (€4,904.33c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq tali ammont jibdew jiddekorru hekk kif mitlub fl-Avviz tat-Talba[24] sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, kif mitlub fl-att promotur, huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
***Gudikatur***

***ft.* ADRIAN PACE**
***Deputat Registratur***

[24] Ghalkemm fl-Avviz tat-Talba tissemma ittra ufficjali skond l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (datata 18 ta' Frar, 2015), l-attrici naqset milli tezebixxi kopja ta' l-istess.